It-8 stazzjon tal-*VIA LUCIS* **Il-Mulej Iwettaq il-Fidi ta’ Tumas**



*Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej." Iżda hu qalilhom: "Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx." Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Imbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen." Wieġeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu.*" (Ġwann 20: 24 – 29).

---

# IL-MULEJ IWETTAQ IL-FIDI TA’ TUMAS

Jisimni Tumas. Il-laqam tiegħi ……… ‘It-Tewmi’.

Nista’ ngħid li jiena wieħed minn dawk l-iżvinturati, li minħabba mument ta’ dgħufija …. darba kienet tafux! Imma minħabba darba, spiċċajt kulħadd jgħid bija. Il-Maltin imbagħad …. kull darba li jridu jikkritikaw lil xi ħadd għax ma jridx jemmen, x’jgħidulu? QISEK SAN TUMAS. Bejnietna ta, għadni sal-lum, nieħu għalija meta nisma’ dan.

Dakinhar niftakar, wara ġurnata xogħol, għajjien, dahri maqsum, wasalt lura d-dar meta kien għoddu dalam. Kelli ġuħ … għejja …. jiġu ħamsa minn sħabi l-Appostli, bla nifs, qisu ġera warajhom xi qattiel, u qaluli …. “Tumas, Tumas, rajna lill-Mulej!”

Ħsibtha ċajta. Żbaljajt tafux, għax jien missni ma kellimthom xejn. Imma, bil-ġuħ u bl-għejja li kelli, ma kellix aptithom. U l-iblah li jien mort għedtilhom: “Jekk ma narax f'idejh il-marka ta' l-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka ta' l-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx !”

Ngħid id-dritt, lil sħabi ssummajthom…. iċċassaw lejja, ma nafx jekk tħassrunix jew jekk irrabjawx għalija. Ma kellmuni xejn. Tbissmuli u ħallewni bi kwieti nitħan il-platt ħut li kelli quddiemi.

Ma kellmunix iktar fuq il-ġrajja. U jien ngħid id-dritt, iktar ma bdew igerrbu l-jiem, iktar ħsibt li kienu raw xi fantażma. Sakemm …. kienu għaddew preċiż tmint ijiem….. u konna ruxxmata nies, appostli, dixxipli, segwaċi …. imsakkrin ġewwa, beżgħanin, li għad nispiċċaw ittorturati u msallbin. U f’daqqa waħda, deher quddiemna! U … ħeqq …. min

jikriha joqgħod għaliha … “Is-sliem għalikom” qalilna. U dar lejja u qalli: “Ejja ’l hawn Tumas, ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen!”

“MULEJ TIEGĦI! ALLA TIEGĦI!”

Iċ-ċanfira li tani l-Imgħallem swietli. Ivvjaġġajt b’sagrifiċċji kbar, wasalt anke l-Indja, u tgħidx kemm għammidt Insara ġodda. Qatt ma ħarist lura. U dan huwa l-messaġġ tiegħi għalikom:

L-Imgħallem qiegħed isejħilkom ilkoll, inqeda bija biex jagħtina tagħlima mill-aqwa: Lili qalli: “Tumas, inti emmint għax rajt. Imma henjin dawk li ma rawx u emmnu!”

(Toni Pace April 2016)

--------------------------------------------------------------------------------------------------------